# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru, 2024

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 178/2023 ISB**

**Andrea Buzza**

**Vs**

**Avukat Ġenerali**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Andrea Buzza**, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1) *Tiddikjara li l-intimati jew minn minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smiegh xieraq a bazi tal-Arti 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni dwar drittijiet minhabba li r-rikorrenti ma nghatax smiegh xieraq fiz-zmien ragonevoli u xieraq;*

2) *Takkorda dawk ir-rimedji xierqa w effettivi fic-cirkostanzi fosthom li jigi imponut fuq l-intimati terminu qasir u perentorju sabiex jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni salv kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti jidrilha tiehu;*

*3) Tiffissa kumpens xieraq ghal tali vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens ghal danni morali liema kumpens huwa dritt dirett hekk kif sancit mill-Arti 5.5 tal-Konvenzjoni Ewropea bl-opera jekk hemm bzonn ta' periti nominandi;*

*4) Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom ihallsu l-kumpens hekk likwidat lill-esponenti, l-oltre l-imghax legali;*

*5) Taghti dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;*

U dan wara illi ppermetta:

1. *Illi l-esponenti fi Frar 2013 gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma persuni ohra, talli ikkommetta serq aggravat bil-valur, vjolena, persuna u bil-hin ghad-dannu tas-socjeta Lidl Malta Ltd;*

2. *Illi sa l-intavolar ta' dan ir-rikors ghaddew aktar minn ghaxar snin u l-prosekuzzjoni ghadha lanqas biss ghalqet il-provi taghha;*

3. *Illi fil-fatt dawn l-ahhar snin ftit li xejn sehh xi forma ta' progress f'dawn l-ahhar snin ghajr li jinbidlu l-ufficjali prosekuturi;*

4. *Illi llum il-gurnata jidher li dawn il-proceduri gew abbandunati kemm minn l-Avukat Generali kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulziija stante li l-esponenti lanqas riferti sabiex jattendi ghas-seduta tal-Qorti ma hu qed jircievi;*

5. *Illi dan id-dewmin kollu qed jikser id-dritt tieghu li jkollu smiegh xieraq fiz-zmien ragonevoli u xieraq;*

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' April 2023, li permezz tiegħu il-kawża ġiet appuntata għas-smigh ghall-15 ta' Mejju 2023 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Avukat Ġenerali** u **Kummissarju tal-Pulizija,** intavolata fit-8 ta' Mejju 2023 (fol 7) li permezz tagħha eċċeppixxew:

*Illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:*

*Eċċezzjonijiet preliminari*

1. *Illi in linea preliminari, r-rikorrent għandu jindika liema proċeduri qiegħdin allegatament iwasslu għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;*

2. *Illi in linea preliminari, l-ilmenti li r-rikorrent seta' kellu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja misshom tressqu u għadhom jistgħu jitressqu quddiem dik il-Qorti ordinarja stess. Fis-sewwa, jekk ir-*

*rikorrent jqis li l-proċeduri fil-konfront tiegħu qed itulu wisq, jista' jressaq rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja jilmenta minn dan l-allegat dewmien u jitlob quddiem dik il-Qorti ordinarja dak li jqis li huwa opportun fiċ-ċirkostanzi. Ġaladarba dan ma sarx quddiem il-Qorti appożita li tista' tissolleċita lill-prosekuzzjoni fil-produzzjoni tax-xhieda, l-esponenti jqisu li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedju ordinarju a disposizzjoni tiegħu u għalhekk, ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din l-Onorabbli Qorti għanda tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha;*

3. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, l-Avukat Ġenerali lanqas ma huwa l-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri stante li ma jidher li qiegħed imexxi l-ebda prosekuzzjoni fil-konfront tar-rikorrent stante li din qiegħda titmexxa mill-Pulizija;*

4. *Illi fir-rigward tat-talbiet magħmula abbażi tal-artikolu 5.5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġi eċċepit illi l-istess artikolu mhux applikabbli fil-każ odjern stante li r-rikorrent mhux qiegħed jallega ksur tad-drittijiet tiegħu hekk kif sanċiti bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan kif ser jiġi trattat fil-mori tal-kawża;*

*Eċċezzjonijiet fil-mertu*

5. *Illi fil-mertu, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qegħdin jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex la saret u lanqas qiegħda ssir leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent hekk kif sanċiti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan hekk kif ser jiġi trattat fil-mori tal-kawża;*

6. *Illi sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġonevoli kif miktub mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, iridu jitqiesu t-tliet fatturi li ġejjin: il-komplessita' tal-każ; l-imġieba tal-Qorti u l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel l-ilment. Iżda kif ġie mgħallem tajjeb fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Ġunju 2003):*

   *"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli."*

7. *Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, il-Qorti Ewropea dejjem irritenit illi: "reasonableness … must be assessed in each case according to the particular circumstances … The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities …" (ara Buchholz v. Germany – applikazzjoni numru 7759/77 deċiża fis-6 ta' Mejju 1981).*

8. *Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda. Illi wieħed irid ukoll iżomm quddiem għajnejh li l-Prosekuzzjoni hija marbuta li ttella' kull prova - kemm*

*favur kif ukoll kontra l-imputat - u ċertament, azzjoni ta' natura kostituzzjonali mhix intiża sabiex l-imputat jittenta, tramite tali proċeduri, jorbot idejn il-Prosekuzzjoni u jitlob li jingħalqu l-provi minkejja li jkun hemm xhieda illi l-prosekuzzjoni hija fid-dmir li ttella' u ma titħallhiex iġġib tali prova;*

9. *Illi barra minn hekk, sabiex jinsab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li l-proċess kriminali jiġi eżaminat fl-intier tiegħu. Fil-każ fl-ismijiet Dvorski vs Croatia, il-Grand Chamber jisħaq li f'ambitu ta' smigħ xieraq, il-proċedimenti għandhom jiġu mixtarra fl-intier tagħhom – "In determining whether, **taking the criminal proceedings as a whole**, the applicant received the benefit of "fair hearing for the purposes of Article 6§1,...". Wieħed lanqas ma għandu jħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali, **imma jekk il-proċeduri fit-totalità tagħhom kinux immexxija b'ġustizzja** (enfasi miżjud) - ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-15 ta' Marzu 1996;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2023 xehdet **Marika Mifsud – Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali** u ppreżentat żewġ dokumenti (Dok MM1 u Dok MM2, fol 17 sa fol 515).

Rat in-nota tar-rikorrent intavolata fit-28 ta' Settembru 2023 (fol 516) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess (fol 517).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2024, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' April 2024, wara li r-rikorrent ippreżenta kopja ta' ħames verbali tas-seduti li saru fil-kawża *de quo* (fol 540 sa fol 544), il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent jikkontendi li sofra leżjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stante t-trapass taż-żmien u d-dewmien esaġerat u rraġonevoli li ttieħed sabiex jinstemgħu l-proċeduri fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.

Jispjega li fi Frar 2013, huwa ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja akkużat illi kkometta serq aggravat bil-valur, vjolenza persuna u bil-ħin.

Isostni li sa meta ġiet preżentata l-kawża odjerna, il-prosekuzzjoni, minkejja li għaddew għaxar snin, għadha lanqas biss għalqet il-provi tagħha u ma seħħ ebda progress għajr li jinbidlu l-uffiċjali prosekuturi.

Jgħid li llum jidher li dawn il-proċeduri ġew abbandunati miż-żewġ intimati u lanqas riferti sabiex jattendi għas-seduti fil-Qorti ma hu qed jirċievi. Isostni li b'hekk id-drittijiet tiegħu qed jiġu leżi.

Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Andrea Buzza** jgħid li fi Frar tal-2013 ġie akkużat b'serq iżda għalkemm għaddew iktar minn għaxar snin il-każ għadu għaddej u l-prosekuzzjoni baqgħet m'għalqitx il-provi tagħha. Jispjega li għal numru kbir ta' seduti lanqas spettur tal-Pulizija ma kien jattendi għall-kawża u f'numru ta' seduti oħra ma jsir xejn. Jgħid li hu dejjem attenda u għalhekk id-dewmien mhux attriwibbli għalih.

Jgħid li minħabba l-każ tilef diversi opportunatijiet ta' xogħol minħabba li ismu kien deher f'gażżetta. Isostni li jidher li l-każ ġie abbandunat għal kollox u jikkontendi li dan id-dewien qiegħed jikser id-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq u għalhekk għandu jiġi kkumpensat u l-Qorti għandha tistabilixxi terminu sabiex l-intimati jagħlqu l-provi tagħhom.

Fis-**sottomissjonijiet** tiegħu, ir-rikorrent jibda billi jindirizza l-eċċezzjonijiet tal-intimati billi jikkjarifika li l-proċess in kwistjoni hija l-kumplilazzjoni bin-numru 155/2013. Jispjega li hu ma setax iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti li qed tisma' l-każ stante li l-Qorti Istruttorja ma tistax timponi terminu sabiex kumpilazzjoni tingħalaq. Isostni li l-Avukat Ġenerali huwa ċertament leġittimu kontradittur minħabba l-involviment tiegħu fil-Kumpilazzjoni minħabba r-rinviji li hu jibgħat.

Isostni li kif konstatat kemm mill-ġurisprudenza nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja, l-għan tal-jedd ta' smigħ xieraq fiż-żmien raġonevoli huwa ntiż sabiex kwalunkwe akkuzat ma jibqax imdendel taħt kapi t'akkużi għal żmien indefinit. Jgħid li l-fatturi li għandhom jiġu mgħarbla bħala kriterji huma:

1. Il-Kumplessita tal-każ
2. L-aġir tal-partijiet fil-kawża
3. L-aġir tal-awtoritajiet relevanti fil-każ

Jikkontendi li f'dan il-każ id-dewmien huwa nspjegabbli stante li l-każ mhux wieħed kumpless u r-rikorrent ikkoopera bis-sħiħ. Fin-nota tiegħu, ir-rikorrent ipprovda analiżi dettaljata tal-elementi fuq imsemmija u kif dawn ġew kkunsidrati minn Qrati differenti.

Fil-każ odjern jgħid li d-dewmien huwa attriwibbli għaż-żewġ intimati. Jispjega li l-Avukat Ġenerali ddeċieda li juża l-proċedura tar-rinviju stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kap 9 iżda ma mexiex b'din il-proċedura tar-rinviju. Dan kien attriwibbli ukoll għan-nuqqas ta' ko-ordinament bejn l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija. Iżid li kien ukoll sta għal Qorti li ma tippermettix l-Avukat Ġenerali li jabbuża mill-proċess ġudizzjarju u għalhekk kienet hi wkoll kontrubutriċi għad-dewmien.

Fir-rigward tar-rimedju mitlub jgħid li għandu jingħata kemm kumpens xieraq kif ukoll għandu jkun hemm ordni sabiex il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha fi żmien qasir u perentorju.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tagħhom l-intimati **Avukat Generali** u **Kummissarju tal-Pulizija** jikkontendu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Primarjament jeċċepixxu li r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju li jikkonsisti f'talba lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex tagħti l-ordinijiet opportuni fil-każ. Jeċċepixxu wkoll l-intimat Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur ta' din l-azzjoni u għalhekk għandu jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizju.

Fil-mertu jsostnu li mhuwiex minnu li kienu hemm dewmien irraġonevoli jew inġustifikat li hu leżiv għad-drittijiet tar-rikorrent.

Fis-**sottomissjonijiet** tagħhom jispjegaw li l-proċess *de quo* kien għadda minn numru ta' diffikultajiet li kkontribwew għad-dewmien, fosthom difett proċedurali u n-nuqqas ta' rintraċċar tal-imputati bil-konsegwenza li l-proċess dam sal-2018 biex jiġi rattifikat. Jispjega li f'Diċembru tal-2019 l-Avukat Ġenerali kienet talbet li jinstemgħu iktar xhieda iżda mbagħad inqalgħet il-pandemija tal-COVID' 19 li m'għinitx sabiex l-proċess jimxi. Jgħid li jidher li l-kawża għadha pendenti u l-Qorti ssolleċitat lil pulizija jindikaw min sa jieħu post l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer bħala uffiċjal prosekutur.

Jispjega li l-intopp proċedurali li nqala' fil-kawża ċertament wassal għal dewmien, minkejja li l-Avukat Ġenerali kien ilu żmien twil iniżżlu fir-rinviji tiegħu, iżda d-dewmien ma sarx b'mod kappriċċuż jew bl-intiża li jiżvantaġġja waħda mill-partijiet u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex issib leżjoni ta' xi dritt. Oltre` minn hekk, isostni li jekk kemm -il darba ssib li kien hemm dilungar mhux ġustifikat il-Qorti għandha tillikwida biss danni morali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti il-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati:

**<u>Eċċezzjoni li r-rikorrenti għandu jindika liema proċeduri qegħdin allegatament iwasslu għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu</u>**

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati jeċċepixxu li r-rikorrenti għandu jindika liema proċedura wasslu għall-ilment tiegħu.

Il-Qorti tirreferi għall-provi mressqa, partikularment d-deposizzjoni ta' Marika Mifsud, Assistent Reġistratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali, u d-dokumenti minnha ppreżentati.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li l-proċess in kwistjoni huwa l-Kumpilazzjoni Numru 155/2013 fl-ismijiet **Pulizija vs Rodrick Garcia, Andrea Buzza et** u għalhekk **ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess eċċezzjoni.**

**<u>Eċċezzjoni dwar in-nuqqas t'eżawriment tar-rimedju ordinarju</u>**

Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jeċċepixxu li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li jikkonsisti f'talba lill-Qorti li qed tisma' l-każ stess, fis-sens li l-Qorti tagħmel dawk l-ordinijiet opportuni stante d-dewmien u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Konstituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 ta' April 2013 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*
>
> *b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*
>
> *c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*
>
> *d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-*

*ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[1] b'referenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

> *"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[2]
>
> *"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[3]
>
> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[4]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[5].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[6]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

In vista ta' dan l-insenjament, il-Qorti ser tqis ir-rimedju propost mill-intimati u ċioe rikors quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex hi tagħti l-ordnijiet opportuni fiċ-ċirkostanzi. Għalkemm il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lir-rikorrent milli jintavola r-rikors suġġerit, din il-Qorti għandha dubju kemm ir-rimedju li seta' jingħata kienx

[1] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[2] **Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 7 ta' Marzu 1994
[3] **Lawrence Cuschieri vs. Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 6 ta' April 1995
[4] **Stephen Falzon vs. Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deċiża 14 ta' Frar 2002
[5] **Domenico Savio Spiteri vs. Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deċiża 31 ta' Mejju 2000
[6] Rik 40/10

ikun wieħed xieraq, effettiv u effikaċi u dana stante li l-għan tal-kumpilazzjoni huwa l-ġbir kollu tal-provi u għalkemm wieħed jista' jitlob li dan il-proċess isir bi speditezza, ma jistax mill-banda l-oħra jigi mgħaġġel tali proċess tant li tkun l-istess għaġla li tirriżulta f'difetti proċedurali jew riżultanzi żbaljati.

Għalhekk din il-Qorti ma tqisx ir-rimedju propost mill-intimati bħala wieħed xieraq, effikaċi u effettiv u **għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati.**

## <u>Eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur</u>

Fit-tielet eċċezzjoni tal-intimati qed jigi eċċepit li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. L-intimati jsostnu li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma kellu l-ebda involviment f'dawn il-proċeduri u għalhekk id-dewmien mhuwiex attriwibbli lilu.

Il-Qorti tosserva li l-lanjanza tar-rikorrenti tikkonċerna kemm l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali u dana stante li l-Avukat Ġenerali għandu involviment dirett fil-proċedura tar-rinviju, **għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad din l-eċċezzjoni.**

Madanakollu, il-Qorti tinnota wkoll li parti mill-ilment tar-rikorrent jikkonċerna l-Qrati nnifishom iżda kif ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, il-Qrati nnifishom la huma rappreżentanti ġudizzjarment mill-Avukat Ġenerali u lanqas mill-Kummissarju tal-Pulizija. Illum huwa ben magħruf li dawn huma rappreżentanti ġudizzjarment mill-Avukat tal-Istat. Ladarba l-Avukat tal-Istat mhuwiex parti minn dawn il-proċeduri, l-ġudizzju mhuwiex wieħed integru u **għalhekk kwalunkwe ilment tar-rikorrent dwar il-Qorti Istruttorja innifisha ma jistax jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti.**

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-intimati, iżda tiddikjara li safejn l-ilmenti tar-rikorrent jikkonċernaw il-Qrati, l-ġudizzju mhuwiex integru u għalhekk mhux ser jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti.**

## <u>Eċċezzjoni dwar l-inapplikabilita` tal-Artikolu 5.5 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>

Fir-raba' eċċezzjoni tagħhom l-intimati isostnu li l-artikolu 5.5 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux applikabbli għal każ odjern. Iressqu din l-eċċezzjoni peress illi t-tielet talba tar-rikorrent hija ppostulata proprju a bażi tal-istess artikolu.

L-imsemmi Artikolu jgid testwalment hekk:

> *(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens.*

Il-Qorti tirreferi għad-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, senjatament il-paragrafu 7 (fol 521) fejn jingħad hekk:

> *Mhux qed jigi allegat ksur tad-dritt kif sancit bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni stante li r-rikorrenti kien tressaq bic-citazzjoni.*

Il-Qorti tqis illi minkejja din id-dikjarazzjoni, ir-rikorrenti ma ħa ebda miżura u/jew ma għamel l-ebda talba sabiex jindirizza t-tielet talba tiegħu, u **għalhekk il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari mressqa**.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent mhux qed jiġi mogħti smigħ xieraq bi ksur tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante d-dewmien fil-proċeduri.

L-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

> ***39***.*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusli jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontratiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjonitad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk majkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali,din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
> *(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontratiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhiedafavur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhiedakontra tiegħu;*
> *(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Boddaert v Belgium** deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, meta qalet is-segwenti:

> *36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*
>
> *-Ommissis-*
>
> *39. Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*
>
> *40. In conclusion, the Court finds no violation of Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

Fl-isfond ta' dan l-insenjament, huwa paċifiku jingħad li d-dritt tas-smigħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalita` tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessita` tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-awtorita` ġudizzjarja.

Magħruf dan, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina l-fatti tal-każ odjern.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rodrick Garzia et** bir-referenza 155/2013.

Jirriżulta li l-imsemmija proċeduri bdew b'ċitazzjoni datata 14 ta' Frar 2013, bl-ewwel seduta tkun dik tas-7 ta' Mejju 2013.

B'nota tal-14 ta' Novembru 2013 (fol 146), għall-ewwel darba l-Avukat Ġenerali nforma lill-Qorti li kien hemm difett proċedurali u talbet li l-kumpilazzjoni tibda mill-ġdid. Il-Qorti, minn naħa tagħha, waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 kienet irrimarkat illi stante li l-korrezzjoni mitluba kienet waħda kożmetika, allura a bażi ta' ġurisprudenza tagħna, la kien hemm difett fil-proċedura u wisq anqas f'eventwali sentenza.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi minn hawnhekk sal-1 ta' Frar 2018, allura għal kważi erba' snin u nofs sħaħ, mill-atti jirriżulta illi din il-kumpilazzjoni għaddiet minn dak li din il-Qorti ma tistax ma sejjaħx bħala "**nuqqasijiet kbar**", tort attribwibbli fi kwoti differenti lil kulħadd, mill-Qorti għall-Pulizija, mill-imputati għall-Avukat Ġenerali. Sitwazzjoni illi ma jmissha qatt damet biex żblokkat erba' snin.

Il-Qorti tinnota illi f'dan il-perjodu kien hemm xejn anqas minn tnejn u tletin (32) nota tal-Avukat Ġenerali identika għal dik tal-14 ta' Novembru 2013, sabiex dan kien

ifisser illi saru daqstant seduti fejn din il-kwistjoni baqghet qatt ma ġiet riżolta. Jirrizulta mill-atti illi s-seduti ma kienux produttivi ghal diversi raġunijiet, iżda jispikkaw fosthom:

- Seduti moħlija peress illi l-imputati ma kienux qed jidhru u addirittura xi drabi ma kinux qed jiġu notifikati għaliex ma kinux intraċċati (b'dikjarazzjonijiet magħmula f'dan is-sens mill-Pulizija stess (sic!!), minkejja illi ironikament, fil-frattemp, ġieli daħħlu rikors ta' xi imputat għall-awtorizazzjoni ta' safar;

- Seduti moħlija peress illi ma kienx magħruf min hu l-Uffiċċjal Prosekutur illi kellu jieħu ħsieb dawn il-proceduri;

- Seduti moħlija peress illi ma jidher hadd;

- Seduti moħlija peress illi l-Qorti baqgħet titlob spjegazzjoni mingħand l-Avukat Ġenerali dwar l-allegat difett proċedurali, liema spjegazzjoni baqgħet ma nghatatx; u

- Seduti moħlija minħabba bdil fl-assenjazzjoni tal-kawża quddiem Magistrati differenti.

Jirrizulta mbaghad illi kien hemm żvolta fil-proċeduri fis-seduta tal-1 ta' Frar 2018 meta l-kumpilazzjoni bdiet tinstema' minn Magistrat ġdid. Hemmek inqrat u kienet kkonfermata bil-gurament ic-citazzjoni u sar l-ezami tal-imputati, filwaqt illi d-difiza ma ezentatax lill-Prosekuzzjoni milli terga' ttella' l-provi li gja kienet ressqet sa dak in-nhar. Ghalkemm jirrizulta illi r-rinviju tal-Avukat Generali tat-28 ta' Frar 2018 gie ripetut fl-10 ta' April 2018, fis-16 ta' Mejju 2018, fl-14 ta' Gunju 2018, fis-17 ta' Lulju 2018 u fil-21 ta' Awissu 2018 – bis-seduti fil-frattemp fejn ma jsir xejn - sakemm regghu nstemghu xhiedha fis-seduta tat-30 ta' Awissu 2018.

Minn hemm il-quddiem, salv il-problemi li ġabet magħha l-pandemija u xi seduti fejn ma sar xejn għal raġuni jew oħra, il-każ ipproċeda sakemm ġiet anke ntavolata din il-kawża odjerna. Dan però, mhux mingħajr problemi gravi oħra li ser jiġu trattati aktar l-isfel.

Magħrufa l-fatti, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina t-tliet fatturi fuq elenkati li l-Qorti trid tqis fl-evalwazzjoni tagħha.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

*Il-kumplessita` tal-każ*

Il-Qorti ma jirriżultalha bl-ebda mod, la mill-proċess innifsu u lanqas mis-sottomissjonijiet magħmulha mill-partijiet, li l-każ *de quo* kien każ ikkumplikat. Anzi, jirriżulta bil-kontra u ċioe` li dan kien każ sempliċi minkejja li kien jirrikjedi smigħ ta' numru ta' xhieda u produzzjoni ta' numru ta' dokumentazzjoni.

B'hekk id-dewmien ċertament li ma jistax jiġi attribwit għall-kumplessita` tal-każ, jew ġustifikat bl-istess.

*L-imġieba tal-Qorti*

Ċertament li bejn l-2013 u l-2018 kien hemm nuqqasijiet da parti tal-Qorti li kienet qed tinjora għal kollox ir-rinviji tal-Avukat Ġenerali, iżda għar-raġunijiet fuq elenkati, din il-Qorti mhix ser tkun qed tidħol f'din il-kunsiderazzjoni.

*L-imġieba tal-partijiet*

Il-Qorti tosserva li d-dewmien fil-proċeduri jista' jiġi attribwit għall-partijiet, b'dan però illi tqis illi parti minnhom, ossia, il-prosekuzzjoni, għandha ħtija ferm akbar u responsabbilita' ferm aktar xi ġġor. Ukoll, il-Qorti tosserva illi filwaqt illi kien hemm numru ta' differimenti għaliex ħadd mill-imputati ma deher, b'dana kollu jidher ukoll illi dan kien dovut għaliex l-imputati ma kienux notifikati. Minn naħa l-oħra, il-Qorti tqis u tinnota illi kienu mhux ftit l-okkażjonijiet meta ir-rikorrent kien preżenti, saħansitra bl-Avukat tiegħu, imma xi imputat jew imputati oħra jew l-uffiċjal prosekutur ma kienux. Għalhekk ċertament li certu dewmien riskontrat, anke fejn attribwibbli lill-imputati, ftit li xejn jista' jingħad illi kien attriwibbli lir-rikorrent innifsu.

Stabbilit li d-dewmien prinċipali fl-ewwel stadju tal-proċeduri, u ċioe` sa' Frar 2018 kien attriwibbli għan-nuqqas ta' qbil bejn il-Qorti u l-Avukat Ġenerali dwar dak elenkat fir-rinviji mill-Avukat Ġenerali, isegwi li l-Avukat Ġenerali kellu kull raġun li jibqa' jinsisti dwar li jiġi sanat difett proċedurali għax ċertament kull ġbir ta' provi seta' kien ikun inutli fiċ-ċirkostanzi. B'hekk l-Avukat Ġenerali, sal-2018, huwa ġustifikat fl-aġir tiegħu għax ċertament li huwa ferm aktar importanti li proċedura tkun waħda korretta u nieqsa mid-difetti. Mill-2018 'l quddiem, jidher li l-Avukat Ġeneral kien pro-attiv u bgħat ir-rinviji tiegħu b'mod regolari. B'hekk ċertament li d-dewmien mhuwiex attriwibbli lill-Avukat Ġenerali li kien ġustifikat fl-azzjoni tiegħu.

Iżda din il-Qorti ma tara l-ebda ġustifikazzjoni fil-fatt li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija naqas milli jappunta Uffiċjal Prosekutur fil-każ odjern bir-riżultat illi kien hemm sensiela ta' differimenti għal dan il-għan, u filwaqt illi jidher illi kultant kien ilaħħaq il-każ xi uffiċjal ieħor tal-Pulizija biex ma tintilifx xi seduta jew oħra, jirriżulta addirittura illi fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022, il-Qorti irrelevat illi hija kienet għadha ma ġietx infurmata min hu l-uffiċjal prosekutur f'din il-kawża minflok l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer, li mill-atti jirriżulta illi l-aħħar seduta illi deher fiha kien proprju fit-8 ta' Ottubru 2021. Dan minkejja l-insistenza tal-Qorti nnifisha li l-każ kien ilu għaddej għal tant snin.

Tant illi fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2023, ossia, kważi sentejn wara dik l-aħħar seduta tal-Ispettur Balzan Engerer u <u>addirittura xagħrejn wara illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien irċieva r-rikors promotur f'din il-kawża</u>, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, ivverbalizzat billi qalet "*tissollecita lill-prosekuzzjoni liema hu l-ufficjal prosekutur li ser jiehu l-prosekuzzjoni ta' din il-kawza minnflok l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer*".

Għalhekk dan l-agir, jew nuqqas ta' agir da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija ntimat ma jistgħax ma titqies mill-Qorti bħala traskuraġni u/jew ineffiċjenza kbira li wasslet mhux biss għat-telf ta' ħin tal-Qorti iżda wkoll għal dewmien fil-proċeduri bla neċessita` fil-konfront tar-rikorrent, li għadu sa llum jistenna ġustizzja. Dan qed jingħad ukoll fl-isfond ta' dak li xehed l-istess rikorrenti illi lanqas riferti għas-seduti ma għadu jirċievi.

Il-Qorti tqis illi huwa inaċċettabbli illi f'soċjeta' demokratika mibnija fuq is-saltna tad-dritt, ikollna persuni illi qed jiffaċċjaw proċeduri kriminali quddiem il-Qrati u l-Pulizija Ezekuttiva, li inoltre` tkun ħarrget l-akkużi, ma jkollha l-ebda uffiċċjal prosekutur illi jassumi r-responsabbilita' tal-każ, kif jgħidu bl-Ingliż, *nobody takes ownership of the case*. Dan, il-Qorti tqis illi huwa nuqqas gravi u serjissimu, li jwassal biss ghal preġudizzju bla bżonn għall-persuni involuti. Ma għandhu jkun hemm qatt, taħt ebda ċirkostanza, mqarr każ pendenti wieħed, fejn ma jkunx hemm uffiċjal mill-Korp tal-Pulizija illi jkun qed jieħu ħsiebu. U f'ċirkostanzi bħal dawk, il-Qorti Kriminali m'għandhiex tiddejjaq illi ssejjaħ quddiemha lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu ħsieb hu l-prosekuzzjoni tal-każ li jkollha quddiemha, jew jagħti spjegazzjonijiet jew jieħu ħsieb jinnoma uffiċjal prosekutur.

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Mario Schembri vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża fl-24 ta' Novembru 2017, tgħid hekk:

> *Madanakollu, ma tistax ma tosservax ukoll illi kwalunkwe decizjoni, tajba kemm kienet tajba amministrattivament u legalment, ma tibqax konformi mad-dettami ta' smigh xieraq jekk ikollha effett inoltrat li jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, senjatament dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat.*
>
> *Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti tifhem u taqbel mal-intimat illi bla dubju kien fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-prosekuzzjoni u ghall-finijiet ta' effikacja u pratticita`, illi l-kawzi tal-imputati lkoll jinstemghu flimkien, tqis ukoll li kellu jkun daqstant evidenti ghall-prosekuzzjoni li din id-decizjoni ma baqghetx iktar gustifikabbli meta, sena wara sena, il-kawza tar-rikorrent baqghet dejjem wieqfa.*

Kemm aktar, allura, issaqsi din il-Qorti, huwa inaċċettabbli illi d-dewmien ikun riżultat ta' deċiżjoni amministrattiva.

Dan l-akkadut, din il-Qorti tħoss, illi huwa mhux biss huwa dispreġġjattiv lejn il-Qorti li qed tippresjiedi, imma huwa ukoll dispreġġjattiv u ta' insult lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u fuq kollox l-istat Malti, il-poplu Malti, li mill-Pulizija Ezekuttiva jistenna u jippretendi bi dritt illi jkun protett, mhux lanqas billi l-Pulizija taqdi d-doveri tagħha kif suppost fis-sistema penali ta' pajjiżna.

Fis-sistema demokratika u ġudizzjarja tagħna, ir-rwol tal-Pulizija Eżekuttiva mhux biss dak li tipprevjeni l-ħazin u l-kriminalita`, imma ukoll, anzi, parti intrinsika mix-xogħol u d-dover tagħha, illi tinvestiga u meta jidhrilha illi jkollha biżżejjed provi, tipproċedi quddiem il-Qorti bil-każijiet u tara illi twassal dak il-każ sakemm issir ġustizzja.

Kwalsiasi aġir li bih il-Pulizija Ezekuttiva tkun qed tabdika mir-responsabbilitajiet tagħha, in toto jew in parte, f'dan il-proċess kollu huwa ta' stmerrija, u ebda ċittadin ma għandu jħossu nieqas mill-protezzjoni sħiħa illi l-Pulizija Ezekuttiva għandha tagħti lis-soċjeta`. Għalhekk illi din il-Qorti trid u tippretendi, illi, salv għall-izball uman, il-Pulizija Ezekuttiva tagħmel ix-xogħol tagħha skond il-liġi, kif trid il-liġi, b'reqqa, b'integrita`, b'sens ta' dover lejn il-ġurament li jkun ittieħed, b'sens sħiħ ta' doveri lejn il-liġijiet tal-pajjiż, inkluż l-ogħla liġi tal-pajjiż, mill-bidu sa' l-aħħar, mhux lanqas illi taqdi l-funzjoni ta' uffiċjal prosekutur fl-istadju tal-proċeduri ġudizzjarji – u taqdi dik il-funzjoni skond l-aħjar abilita' possibbli.

**Għalhekk ċertament li din il-Qorti ser issib li l-imġieba tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet waħda mhux ġustifikata u kkawżat leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti rimedji xierqa u effettivi - kemm f'rimedju ta' kumpens kif ukoll li din il-Qorti tagħti ordni sabiex il-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha f'qasir żmien.

Dwar it-talba ghal kumpens ghal danni morali kif postulata fit-tielet talba, il-Qorti gja qalet dak li kellha tgħid aktar il-fuq meta ttrattat ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Il-Qorti tqis illi bil-bidla tal-Maġistrat sedenti fis-sena 2018, id-diffikulta' proċedurali illi tqajmet u li wasslet għal dewmien fl-ewwel erba' snin tal-proċeduri, ġiet issa sorvolata u anzi, sorvolata ferm qabel l-inizjar ta' dawn il-proċeduri.

Wieħed kien jistenna li la darba d-diffikulta` proċedurali li tqajjmet fl-istadji nizjali tal-proċeduri kienet ġiet sanata, anke jekk wara erba' snin, allura l-proċess, f'każ li minnu nnifsu mhux kumpless imma veru illi għandu diversi xhiedha x'jinstemgħu, kellu jingħalaq f'qasir żmien u mhux jittawwal għal ħames snin oħra (u aktar) – fuq kollox prinċipalment minħabba n-nuqqas tal-Kummissarju tal-Pulizija – kunsiderazzjoni li din il-Qorti ser iżżomm f'moħħha meta tiġi għar-rimedju.

Riżultat tad-dewmien fil-proċeduri illi għalihom l-imputat ma jaħtix, l-imputat jibqa' kolpit b'kawża penali pendenti issa għal aktar minn għaxar (10) snin u li għadha fi stadju ta' ġbir tal-provi tal-Prosekuzzjoni. Dan mhux sewwa u l-Qorti tqisu detrimentali għall-jeddijiet tar-rikorrent.

Intqal hekk mill-Qorti Civili Prim Awla, Sede Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fil-kawża **David Marinelli vs Avukat Ġenerali et** tat-3 ta' Lulju 2008:

> *Din il-Qorti tifhem illi <u>ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju</u>, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-*

*kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni.” [Sottolinejar ta’ din il-Qorti]*

Il-Qorti żżid tgħid illi dewmien f’kull xorta ta’ proċeduri ġudizzjarji jimmina l-ġustizzja, iżda dewmien fi proċeduri kriminali, fejn il-liberta` tal-bniedem hi in diskussjoni, ma għandux jiġi tollerat u għal dan id-dewmien irid jingħata rimedju effettiv.

Għalhekk l-Qorti ser tkun qed tordna liż-żewġ intimati sabiex jassiguraw li l-Prosekuzzjoni tagħlaq il-provi kollha tagħha fi żmien ragjonevoli. Ulterjorment ser tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija intimat sabiex jekk sad-data ta’ din id-deċiżjoni jkun għadhu ma ġiex assenjat uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija sabiex jmexxi l-Prosekuzzjoni f’din il-kawża, allura huwa jagħmel dan sa qabel is-seduta illi jmiss quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-istess każ msemmi. Il-Qorti tqis dawn bħala rimedji effettivi biżżejjed, u għalhekk anke kieku ma kienx għall-fatt illi t-tielet talba għal kumpens ser tiġi miċħuda għar-raġunijiet msemmija, b’dan kollu il-Qorti tqis illi r-rimedji li ser tagħti, anke jekk mhux f’termini ta’ kumpens, huwa effettivi kif jixraq.

**Għaldaqstant, il-Qorti, wara illi rat l-atti, semghet il-provi u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif hawn fuq esposti, qegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet preliminari kif hawn fuq jingħad:**

1) **TILQA’ l-ewwel talba fis-sens illi tiddikjara illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, bl-aġir jew in-nuqqas ta’ aġir tiegħu, wettaq ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif provdut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.**

2) **TILQA’ t-tieni talba u tordna li l-Prosekuzzjoni fil-Kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, Numru 155/2013, fl-ismijiet Pulizija vs Rodrick Garzia et tressaq il-provi kollha li fadlilha u tagħlaq il-provi tagħha sa mhux aktar tard minn tnax (12)-il xahar mid-data ta’ l-ewwel seduta illi jmiss quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-każ 155/2013.**

   **Tordna ulterjorment lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex b’mod immedjat imma fi kwalunkwe każ sa qabel is-seduta illi jmiss quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, huwa jappunta uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija sabiex jieħu ħsieb jwettaq id-doveri ta’ uffiċjal prosekutur fl-istess kawża de quo, u għal dan il-għan, jassikura illi permezz ta’ nota fl-imsemmija atti jew b’verbal fl-ewwel seduta illi jmiss, l-uffiċjal Prosekutur illi ser jieħu ħsieb il-prosekuzzjoni f’din il-kawża jiddikjara dan anke in risposta għal dak mitlub għal darba darbtejn mill-Qorti tal-Maġistrati.**

3) **TIĊĦAD it-tielet talba għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija.**

4) **TIĊĦAD konsegwentament ir-raba' talba.**

5) **TILQA' l-ħames talba fil-kuntest hawn fuq deċiż.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**